MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Numru 253/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Nicolai Sant**
**vs**
**Marion Sant**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Marion Sant ta' 39 sena bint Joseph Seychell u Francis nee' Cassar mwielda Pieta fis-26 ta' Gunju 1969 u residenti 57 Iris Triq Guzeppi Callus Mosta, ID 274069M.**

**Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin minnha wkoll jekk fi zminijiet differenti, maghmula b'risoluzzjoni wahda u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi nhar il-15 ta' Frar 2009 u f'diversi okkazzjonijiet differenti fis-snin ta' qabel minn gewwa l-hanut bl-isem ta' 'Big Apple' Stationery li jinsab fi Triq San Pawl in-Naxxar, kkommettiet serq ta' soft toys tal-marka 'Me to You'**

**ghad-detriment ta' Saviour Publio Grech minn H'Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-persuna.**

**Rat l-imputazzjoni kif korretta llum jigiferi bil-valur kif korrett mill-prosekuzzjoni**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputata ghal din l-imputazzjoni u ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 282 tal-Kap 9, ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni kif korretta u dan wkoll rifless verbal ta' llum li l-oggett on its own ma kienx jiswa iktar minn 23.29 Euro.**

**Il-qorti ghal hekk flok qed tikkundanna lill-imputata, qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmel ebda reat iehor fi zmien sitt xhur millum.  Il-Qorti spejgat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------